Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-trattament ugwali taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2023/C 293/08)

Relatur: **Michael McLOUGHLIN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	31.5.2023
Adozzjoni fil-plenarja	15.6.2023
Sessjoni plenarja Nru	579
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	217/0/6

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Id-Direttiva reċenti dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea ma tqisx b'mod sostanzjali l-kwistjoni tal-"pagi minimi taż-żgħażagħ". Dan mhuwiex approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd". Għall-kuntrarju, bħala qafas orizzontali hija tqis tradizzjonijiet u punti ta' tluq differenti, u ssaħħaħ ir-rwol tal-imsieħba soċjali u n-negozjar kollettiv. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-"pagi minimi taż-żgħażagħ" li jiġu ttrattati b'mod differenti fi Stati Membri differenti. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali jikkunsidraw din il-kwistjoni b'konformità mad-direttiva u fl-ispirtu tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE. Il-KESE jappella lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod mhux diskriminatorju.

1.2. Fil-fehma tal-KESE, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 offriet opportunità biex tingħata ħarsa lejn kwistjonijiet sinifikanti li jħallu impatt fuq iż-żgħażagħ u biex jittieħdu inizjattivi ta' politika sinifikanti li huma ta' benefiċċju jew maħsuba biex jinfluwenzaw il-pożizzjoni tagħhom fis-soċjetà. Minħabba l-importanza tal-parteċipazzjoni siewja taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, l-ewwel parteċipazzjoni tagħhom għandha tkun waħda pożittiva, u miżuri li jittrattawhom b'mod inqas favorevoli abbażi tal-età tagħhom biss huma kontroproduttivi. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' s-Sena Ewropea tal-Ħiliet, imnedija uffiċjalment fid-9 ta' Mejju 2023, bħala impetu politiku għat-tagħlim tul il-ħajja li joħloq momentum ġdid biex jintlaħqu l-miri soċjali tal-UE 2030.

1.3. Regoli differenzjali għaż-żgħażagħ rigward il-benefiċċji tal-qgħad u pagamenti ta' assistenza għandhom il-potenzjal li jsawru s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ u jħallu impatt fuq il-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment liberu tagħhom fl-UE. L-Istati Membri għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu dwar l-istruttura u l-kontenut tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Il-KESE jistedinhom jirrispettaw il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni meta jagħmlu dan, b'mod partikolari fil-każ tal-moviment liberu. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni sabiex fl-eżami ta' din il-kwistjoni taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali biex tiġbor id-data u l-prattiki nazzjonali anke fid-dawl tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li għadha kif ġiet proposta dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE.

1.4. L-internships f'ambjent professjonali li jiġu offruti liż-żgħażagħ spiss huma pass deċiżiv għall-integrazzjoni professjonali. L-internships bla ħlas jew mingħajr remunerazzjoni jista' jkollhom impatt negattiv ħafna fuq l-esperjenza taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol. Nieħdu nota tar-Riżoluzzjoni li adotta l-Kumitat fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2022 u dik tal-Parlament Ewropew, u nirakkomandaw lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet oħrajn tal-UE, inkluż lill-Kummissjoni, biex jieħdu aktar interess f'din il-kwistjoni bħala simbolu tanġibbli tal-impenn tagħhom lejn iż-żgħażagħ b'segwitu tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Perjodi ta' esperjenza ta' xogħol qasira ħafna u kollokamenti ta' edukazzjoni

rikonoxxuti u miftiehma uffiċjalment jistgħu xi kultant ma jkunux bi ħlas. Madankollu, l-internships aktar fit-tul għandhom jitħallsu, l-istess bħax-xogħol li jsir minn impjegati mħallsa. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru jgħid li l-maġġoranza tat-trainees tħallsu u kellhom aċċess għall-protezzjoni soċjali ([1]).

1.5. B'segwitu għas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ u inizjattivi oħra, dan l-aħħar saret aktar enfasi fuq kwistjonijiet taż-żgħażagħ. Proposta waħda kienet l-idea ta' Test taż-Żgħażagħ tal-UE li jintegra l-valutazzjoni tal-impatt fuq iż-żgħażagħ tal-politika l-ġdida kollha. L-idea ġiet promossa mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ u kienet is-suġġett ta' opinjoni tal-KESE fl-2022. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ dan l-approċċ għat-tfassil tal-politika kif stabbilit fl-opinjoni tagħna fl-2022 ([2]).

1.6. Il-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna dgħajfu b'mod sinifikanti l-ekonomija Ewropea. Anke jekk il-kumpaniji għamlu l-almu tagħhom biex iżommu l-impjieg, dawn kellhom konsegwenzi fuq iċ-ċittadini Ewropej u b'mod partikolari fuq iż-żgħażagħ.

1.7. It-traineeships saru mezz ta' aċċess importanti għaż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impjieg, it-traineeships għandhom joffru kontenut ta' tagħlim ta' kwalità tajba u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, u ma għandhomx ikunu sostitut għal impjiegi regolari jew prekundizzjoni għal kollokament f'impjieg. Is-sitwazzjoni attwali tissuġġerixxi li hemm tħassib dejjem akbar, speċjalment fost iż-żgħażagħ, li l-kriżi tas-saħħa u l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet li qed jiddeterjoraw għat-trainees. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tirrieżamina jekk il-qafas ta' kwalità għat-traineeships huwiex qed jiġi implimentat kif suppost.

2. **Introduzzjoni**

2.1. L-2022, ġiet magħżula bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, u fl-Opinjoni tal-KESE dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, il-Kumitat esprima x-xewqa tiegħu li din tiffoka fuq oqsma ta' politika ewlenin għaż-żgħażagħ u li tmur lil hinn minn avvenimenti u opportunitajiet ta' pubbliċità. Iż-żgħażagħ esprimew sentimenti u fehmiet simili, b'mod partikolari fid-dawl tal-mod pjuttost mgħaġġel li bih tħabbret is-Sena. Huwa ċar li l-esperjenza taż-żgħażagħ tad-dħul fis-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni fih hija waħda mill-kwistjonijiet ta' politika kritiċi għal dik il-ġenerazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew.

2.2. Fid-dinja ta' wara l-COVID-19, hemm enfasi ġdida fuq il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qegħdin jinbidlu, forom ġodda ta' xogħol, ħiliet ġodda, l-isfida biex wieħed jerġa' lura għall-post tax-xogħol, u l-ambjent ibridu potenzjali, bl-opportunitajiet u r-riskji kollha li dan iġib miegħu. Aktar importanti minn hekk, nafu li ż-żgħażagħ batew ħafna matul il-pandemija tal-COVID-19 u din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex l-2022 ġiet innominata s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. Matul il-pandemija, iż-żgħażagħ tilfu l-opportunità li jilħqu għadd ta' kisbiet kritiċi għall-iżvilupp personali u soċjali tagħhom. Madankollu, il-pandemija kellha wkoll impatt ewlieni fuq l-edukazzjoni taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

2.3. L-Unjoni Ewropea għandha diversi politiki rilevanti li jikkonċernaw liż-żgħażagħ u li jiżguraw li dawn ikunu inklużi bl-aktar mod sħiħ possibbli fis-soċjetà u jibbenefikaw mill-istess opportunitajiet bħall-partijiet l-oħra tas-soċjetà kollha. Fid-Dikjarazzjoni ta' Bratislava tal-2016, il-mexxejja tal-UE talbu l-ħolqien ta' futur ekonomiku promettenti għal kulħadd, salvagwardji għall-mod ta' għajxien tagħna, u l-għoti ta' opportunitajiet aħjar għaż-żgħażagħ. Bl-istess mod, il-preambolu tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali ddikjara li "L-isfidi, bħall-inugwaljanza sinifikanti, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ jew is-solidarjetà interġenerazzjonali, ħafna drabi huma simili fost l-Istati Membri minkejja li fi gradi differenti".

2.4. Il-politika ewlenija b'rabta maż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea hija l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ. L-għan ewlieni tal-istrateġija huwa li tawtonomizza liż-żgħażagħ u tibni r-reżiljenza tagħhom billi tiffoka fuq tliet oqsma ta' azzjoni taħt it-titoli ta' "Impenn, Konnessjoni, Għoti tas-Setgħa". L-istrateġija tirrikonoxxi li l-provvediment ta' modi kif iż-żgħażagħ ikunu involuti fil-ħajja demokratika huwa vitali għal demokrazija li tiffunzjona u għas-soċjetà f'sens wiesgħa. Taħt it-titolu "Involviment", l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għandha l-għan li tappoġġja l-parteċipazzjoni ċivika, ekonomika, soċjali, kulturali u politika sinifikanti taż-żgħażagħ. L-istrateġija tqis il-mobbiltà taż-żgħażagħ bħala opportunità għalihom biex:

— jiżviluppaw u jsaħħu l-kompetenzi personali, soċjali u ċiviċi;

— jiżviluppaw il-ħsieb kritiku u l-kreattività;

— isaħħu l-impjegabbiltà tagħhom;

([1]) Stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru dwar *Integration of young people into the labour market with particular focus on traineeships* (L-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol b'enfasi partikolari fuq it-traineeships [mhux disponibbli bil-Malti]), April 2023, Stħarriġ tal-Ewrobarometru (europa.eu).

([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-Test taż-Żgħażagħ tal-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 46).

— isiru ċittadini Ewropej attivi.

2.5. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ tirrikonoxxi b'mod partikolari r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażagħ bħala "katalist għall-awtonomizzazzjoni" taż-żgħażagħ, u tiddikjara li l-ħidma fost iż-żgħażagħ għandha benefiċċji uniċi għaż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni tagħhom lejn il-ħajja adulta billi tipprovdilhom ambjent sikur biex jiksbu kunfidenza fihom infushom u jitgħallmu b'mod mhux formali ([3]).

2.6. Il-KESE esprima l-fehma tiegħu li l-Istrateġija għandha tiffoka fuq l-approċċ transsettorjali, billi tieħu perspettiva olistika taż-żgħażagħ u tal-ħtiġijiet u d-drittijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika, u li l-Koordinatur tal-UE l-ġdid għaż-Żgħażagħ għandu jmexxi l-ħidma transsettorjali. Il-KESE esprima xewqa li l-politika tal-UE dwar iż-żgħażagħ tiġi inkluża fil-proċess tas-Semestru Ewropew biex ikun hemm enfasi aktar fuq it-twettiq fil-prattika, b'mod partikolari f'oqsma transsettorjali ([4]).

2.7. Il-KESE irrakkomanda li l-Istrateġija jrid ikollha xi aspirazzjonijiet ta' livell għoli għall-ħidma transsettorjali li tirrigwarda oqsma ta' politika tal-UE rilevanti oħra, inklużi l-impjieg, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-migrazzjoni u l-ugwaljanza. Il-Kumitat rrakkomanda wkoll li l-Istrateġija tagħti iktar attenzjoni għall-kwistjonijiet b'rabta mal-impjieg u l-edukazzjoni li qed jaffettwaw liż-żgħażagħ, b'mod partikolari f'termini tad-diskussjoni dwar il-futur tax-xogħol, kif ukoll lill-iżvilupp tal-ħiliet u lil kwistjonijiet soċjali oħra bħas-saħħa mentali u l-ugwaljanza.

3. **Iż-żgħażagħ, is-suq tax-xogħol u l-ħiliet**

3.1. Iż-żgħażagħ u l-prospetti ta' impjieg tagħhom ġeneralment jingħataw ħafna attenzjoni meta wieħed iħares lejn is-suq tax-xogħol. Prinċipalment, dan huwa peress li l-esperjenzi bikrija li n-nies jaffaċċjaw b'rabta mal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol jista' jkollhom impatt fit-tul fis-snin ta' wara. Ġie nnutat li dan jiġri b'mod partikolari fil-każ ta' tluq bikri mill-iskola. It-tluq bikri mill-iskola jaffettwa wkoll kważi 20 % tal-persuni b'diżabilità, li huwa aktar mid-doppju tar-rata għal żgħażagħ oħra ta' bejn it-18 u l-24 sena li jħallu l-edukazzjoni ([5]). Permezz tal-COVID-19 u mill-kriżi finanzjarja preċedenti rajna wkoll li ż-żgħażagħ huma aktar vulnerabbli għal xokkijiet u tnaqqis ekonomiku, li spiss ikunu fost l-ewwel li jitilfu xogħolhom u, fiż-żewġ każijiet, jaħdmu f'setturi bħas-servizzi, u li huma rrappreżentati żżejjed f'tipi ta' impjiegi mhux sikuri. L-ILO sabet li l-maġġoranza tal-ħaddiema tal-pjattaformi online u ta' xogħol lokalizzat għandhom inqas minn 35 sena, u li ż-żgħażagħ għandhom nuqqas ta' sikurezza akbar fuq il-post tax-xogħol. Is-settur tat-turiżmu tal-Greċja jimpjega l-akbar sehem ta' ħaddiema żgħażagħ, li ntlaqtu bil-kbir mill-pandemija. Fi Spanja, l-Italja u l-Portugall, insibu sehem estremament għoli ta' kuntratti temporanji fost iż-żgħażagħ (aktar minn 60 %), li malajr jista' jwassal għal qgħad f'każ ta' kriżi.

3.2. Il-prijorità attwali tagħna trid tkun li nerġgħu nqajmu l-ekonomija Ewropea fuq saqajha permezz tal-implimentazzjoni konsistenti tal-Pjan ta' Rkupru Nazzjonali ([6]), u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jippermettu lill-kumpaniji jerġgħu jikbru u joħolqu impjiegi ta' kwalità. Fi żmien meta l-kumpaniji qegħdin ibatu minn nuqqas ta' ħaddiema, ma jistgħux isibu l-ħiliet meħtieġa, u qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet kbar biex isibu l-ħaddiema, huwa fl-interess tagħhom li jisfruttaw il-potenzjal ta' kulħadd, inkluż taż-żgħażagħ.

3.3. Wieħed mill-akbar sors ta' sigurtà fil-ħajja u prospetti għall-maġġoranza tan-nies, iżda speċjalment għaż-żgħażagħ, huwa l-opportunitajiet ta' xogħol u l-ħiliet korrispondenti. Il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna affettwaw mhux biss liċ-ċittadini iżda anke lin-negozji, u dgħajfu l-kapaċità tagħhom li joħolqu valur u xogħlijiet u li jiżguraw tranżizzjoni effettiva minn xogħol għal ieħor.

3.4. Qegħdin naraw li dawk iż-żgħażagħ li ma jagħmlux it-tranżizzjoni mill-iskola jew kulleġġ għall-post tax-xogħol jistgħu jbatu fis-snin ta' wara. Filwaqt li l-qgħad jippreżenta sfidi għal kull min jesperjenzah, dawn l-isfidi jistgħu jkunu ħafna akbar għaż-żgħażagħ li jista' ma jkollhomx l-istess networks meħtieġa biex jagħmlu progress f'suq tax-xogħol li jinbidel malajr. Bl-istess mod, jekk ikun hemm ammont sproporzjonat minn parti waħda tas-soċjetà li ma jkollhiex xogħol, dan iħalli impatt fuq il-koeżjoni soċjali u l-valuri demokratiċi tagħna u, f'ċirkostanzi estremi, jista' jwassal għal nuqqas ta' ordni potenzjali fis-soċjetà, kif ġieli seħħ f'partijiet tad-dinja li għadhom qed jiżviluppaw.

([3]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022" (COM(2021) 634 final — 2021/0328 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122).

([4]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022" (COM(2021) 634 final — 2021/0328 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122).

([5]) https://www.disability-europe.net/downloads/1046-ede-task-2-1-statistical-indicators-tables-eu-silc-2018

([6]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kif jiġi ggarantit xogħol deċenti għaż-żgħażagħ u tiġi żgurata l-inklużjoni taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) permezz tal-iżvilupp adatt ta' Pjani Nazzjonali ta' Rkupru" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 27, NEETs u NRRPs.

3.5. Għalhekk huwa importanti li t-trattament ugwali taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol jiġi kkunsidrat bħala parti minn ħtieġa usa' għal parteċipazzjoni ċivika u demokratika. Bl-istess mod kif naraw il-ħtieġa li ż-żgħażagħ ikunu parti mill-komunità u li jieħdu sehem f'attività sportiva bħala ċittadini attivi, il-kapaċità tagħhom li jifhmu r-rwol u l-post tagħhom fis-suq tax-xogħol, u fil-fatt jippromovu lilhom infushom, huwa element importanti taċ-ċittadinanza. Bl-istess mod, is-suq tax-xogħol għandu jkun post ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fejn ikun hemm bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u fejn in-nies ikunu jistgħu jħossuhom li qed jikkontribwixxu lejn is-soċjetà. Filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa problema strutturali f'ħafna pajjiżi, f'pajjiżi bħal Spanja, qed tingħata għajnuna għal irtirar tard (sa EUR 12 000) biex is-sistema tal-pensjonijiet issir sostenibbli. B'dan il-mod, l-ekonomija tirriskja li ma tassorbix il-produttività akbar li ż-żgħażagħ jistgħu jiġġeneraw, kif iddikjarat fl-Opinjoni. Barra minn hekk, hemm impjiegi li fihom huwa diffiċli ħafna li persuna tibqa' taħdem wara l-età ta' 65 sena.

3.6. Fil-livell ekonomiku, qgħad għoli fost iż-żgħażagħ u nuqqas ta' approċċi effettivi bejn il-ġenerazzjonijiet fil-livell tal-kumpanija jistgħu jirriżultaw f'inqas produttività peress li jkun hemm anqas ħaddiema żgħażagħ li jintroduċu ħiliet ġodda u innovazzjoni fil-proċess ta' produzzjoni. Hemm ukoll l-ispiża ekonomika għall-istat f'każ ta' numri kbar ta' persuni qiegħda, f'termini ta' taxxa fuq id-dħul mitlufa, benefiċċji soċjali u l-ispejjeż ta' skemi relatati. Il-Eurofound sab li l-ispejjeż ekonomiċi ta' żgħażagħ li jkunu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kienu ta' madwar EUR 153 biljun fl-2011. Dan it-tħassib ġie rifless fl-Opinjonijiet tal-KESE dwar *Xogħol prekarju u saħħa mentali* ([7]), u dwar *Id-Demokrazija fuq il-post tax-xogħol* ([8]). Fl-aħħar nett, ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ b'diżabilità ta' bejn il-25 u l-34 sena hija kważi d-doppju ta' dik tal-persuni mingħajr diżabilità (18 % meta mqabbla ma' 9,7 %) ([9]).

3.7. Fil-livell individwali, l-impatti tal-qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jinkludu saħħa mentali u benesseri dgħajfin kif ukoll rati aktar baxxi ta' kuntentizza, u jistgħu potenzjalment jirriżultaw f'domanda ogħla għal servizzi tas-saħħa pubbliċi. Barra minn hekk, hemm riskju akbar li tirriżulta soċjetà frammentata mid-diversi forom ta' esklużjoni soċjali li jistgħu jesperjenzaw iż-żgħażagħ qiegħda. Meta persuna tkun qiegħda meta tkun għadha żagħżugħa ikun hemm aktar probabbiltajiet li tkun qiegħda aktar 'il quddiem matul ħajjitha, u dan iħalli impatt negattiv fuq l-ammont ta' flus li taqla' aktar 'il quddiem f'ħajjitha jekk u meta tikseb impjieg. Barra dan, iż-żgħażagħ qiegħda għandhom probabbiltà akbar li jesperjenzaw telf tal-ħiliet jew esklużjoni soċjali f'għadd ta' dimensjonijiet. L-impatt tal-COVID-19 fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ ġie ddokumentat sew.

3.8. Huwa importanti wkoll li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' żgħażagħ u ta' ħaddiema żgħażagħ "skoraġġuti" li jaffaċċjaw diffikultà kbira biex jintegraw fid-dinja professjonali. It-tluq bikri mill-iskola u l-bidliet fl-edukazzjoni huma ta' sfida. Bħala riżultat, iż-żgħażagħ jistgħu jitilfu l-kuntatt mar-realtà tas-suq tax-xogħol.

3.9. Wieħed mill-modi kif tiżdied l-attività ekonomika taż-żgħażagħ huwa li jiġu mmotivati biex isiru intraprendituri billi tiġi appoġġjata l-mentalità intraprenditorjali, il-kreattività u l-approċċi innovattivi tagħhom. L-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet jistgħu jintegraw l-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija u jibnu fuq xi mudelli ta' prattika tajba bħal programmi u kompetizzjonijiet ta' intraprendituri żgħażagħ.

3.10. L-UE ħadet l-isfida tal-impjiegi taż-żgħażagħ bis-serjetà, bir-risposta politika ewlenija tagħha tkun il-Garanzija għaż-Żgħażagħ "imsaħħa". Oriġinarjament, l-iskop tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ kien li tiżgura liż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-24 sena offerta ta' xogħol, esperjenza ta' xogħol, apprendistat, taħriġ jew xogħol u taħriġ ikkombinat, f'perjodu ta' żmien definit wara li jitilqu mill-iskola jew isiru qiegħda. Kien ġie rakkomandat mill-Kummissjoni Ewropea li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tiġi offruta liż-żgħażagħ fi żmien erba' xhur wara li jsiru qiegħda. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa hija impenn tal-Istati Membri kollha tal-UE li jiggarantixxu li ż-żgħażagħ kollha taħt it-30 sena jirċievu offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship.

3.11. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni effettiva minn impjieg għal ieħor jeħtieġ li jsir progress fir-riforma tal-edukazzjoni, jiġi indirizzat l-isparigġ fil-ħiliet u tingħata attenzjoni lit-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni għall-adulti, it-tiġdid tal-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet. Il-KESE jinnota l-progress tal-Kummissjoni fil-ħolqien ta' żona ta' edukazzjoni Ewropea, fit-tishih tal-qafas għall-kooperazzjoni Ewropea dwar il-VET u fil-progress lejn l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

3.12. Il-KESE jinnota wkoll l-inizjattiva ġdida tal-Kummissjoni dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment, b'mod partikolari l-mikrokrediti u l-pakkett tal-Universitajiet ġdid. Qed tingħata spinta ġdida biex iż-żgħażagħ jiġu mgħammra b'ħiliet adegwati u tiġi appoġġjata l-mobbiltà tal-istudenti, l-apprendisti u l-intraprendituri żgħażagħ.

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ix-"Xogħol prekarju u saħħa mentali" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 28).

([8]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-demokrazija fil-post tax-xogħol (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 43).

([9]) https://www.disability-europe.net/downloads/1046-ede-task-2-1-statistical-indicators-tables-eu-silc-2018

4. **L-impatt tal-COVID-19**

4.1. Skont il-Eurostat, il-pandemija tal-COVID-19 laqtet liż-żgħażagħ b'mod aktar qawwi mill-anzjani. Ir-rata ta' impjiegi fl-UE fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' 15-29 sena) fit-tielet kwart tal-2020 kienet - 2,8 punti perċentwali meta mqabbla mat-tielet kwart tal-2019 qabel il-pandemija. Madankollu, kien hemm irkupru fit-tielet kwart tal-2021, bir-rata ta' impjiegi li naqset b'0,1 punti perċentwali meta mqabbla mat-tielet kwart tal-2019. Meta wieħed iqabbel it-tielet kwart tal-2020 mat-tielet kwart tal-2019, il-pajjiżi kollha rreġistraw tnaqqis fir-rata ta' impjiegi fost iż-żgħażagħ.

4.2. Il-Eurostat sab differenza wkoll fi ħdan l-UE f'dawn ix-xejriet. Fit-tielet kwart tal-2021, il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE (16 minn 27) kien għadhom ma wrewx irkupru sħiħ, hekk kif ir-rata ta' impjiegi għaż-żgħażagħ kienet għadha taħt ir-rata rreġistrata fit-tielet kwart tal-2019. L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fil-Portugall, fil-Bulgarija, fil-Latvja, fiċ-Ċekja u fil-Polonja (tnaqqis ta' mill-anqas 3 punti perċentwali fihom kollha fit-Q3 2021 meta mqabbel mat-Q3 2019). Min-naħa l-oħra, l-akbar żidiet fis-sehem ta' persuni qiegħda fl-età ta' 15-29 sena fit-tielet kwart tal-2021, meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel il-COVID-19, ġew irreġistrati fl-Irlanda, fi Franza u fis-Slovenja (żieda ta' mill-anqas 2 punti perċentwali fil-Q3 2021 meta mqabbel mal-Q3 2019).

4.3. Il-Eurofound irrapporta li, minkejja l-isforzi ta' politika tal-UE u tal-Istati Membri biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ wara l-kriżi finanzjarja tal-2008, iż-żgħażagħ kienu wkoll dawk li ntlaqtu l-iżjed minn telf tal-impjieg matul il-kriżi tal-COVID-19. Huma kienu rrappreżentati żżejjed fis-setturi li ntlaqtu l-aktar mir-restizzjonijiet tal-pandemija u kellhom probabbiltà akbar li jaħdmu part-time jew b'kuntratti temporanji, u 12 % ta' dawk bejn it-18 u d-29 sena li wieġbu għal mill-anqas żewġ ċikli tal-istħarriġ elettroniku Ħajja, Xogħol u COVID-19 qalu li kienu tilfu xogħolhom, u 12 % tal-istudenti kienu qed jaffaċċjaw ukoll il-qgħad. Ġew rappurtati impatti simili b'rabta mat-tfaddil, is-saħħa mentali u l-faqar.

4.4. Skont l-istħarriġ Insee ([10]), l-ewwel lockdown assoċjat mal-epidemija tal-COVID-19 fir-rebbiegħa tal-2020 kien diġà rriżulta fi tnaqqis bla preċedent fl-attività: 73 % tal-kumpaniji rrappurtaw li l-bejgħ tagħhom kien naqas b'aktar minn 10 %, u 35 % b'aktar minn 50 % matul dan il-perjodu. Terz tal-kumpaniji għalqu għal perjodu medju ta' 57 jum, fil-biċċa l-kbira bħala riżultat ta' restrizzjonijiet amministrattivi fuq id-dħul tal-pubbliku (65 %), iżda anke minħabba kwistjonijiet relatati mal-forniment (8 %) jew opportunitajiet (7 %). Din is-sospensjoni tal-attività affettwat prinċipalment attivitajiet li jinvolvu l-eqreb kuntatt mal-pubbliku: attivitajiet ta' servizzi ta' ikel u xorb, akkomodazzjoni, servizzi personali, attivitajiet kulturali u rikreattivi, u trasport bl-ajru. Sa Settembru 2020, 1 % tal-kumpaniji kienu għadhom magħluqin.

4.5. Sabiex jaffaċċjaw it-tnaqqis għal għarrieda fl-attività, aktar minn 4 minn kull 5 kumpaniji applikaw għall-appoġġ introdott mill-awtoritajiet pubbliċi: ħinijiet tax-xogħol qosra (70 % tal-kumpaniji), ħlas diferit tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (53 %) u self garantit mill-Istat (41 %). Is-settur tal-attivitajiet tal-ikel u x-xorb (97 %), il-kummerċ tal-vetturi u s-settur tat-tiswija (96 %) u s-settur tal-akkommodazzjoni (95 %) straħu fuq dawn il-miżuri b'mod partikolari frekwenti.

4.6. Fl-2021 waslet mewġa oħra tal-pandemija, u fi Frar 2022 l-ekonomija Ewropea ntlaqtet mill-kunflitt militari fl-Ukrajna u l-prezzijiet tal-enerġija għoljin assoċjati, aċċess limitat għal materja prima u nuqqasijiet fil-katina ta' forniment, u r-rata ta' inflazzjoni għolja assoċjata.

4.7. Minkejja dawn il-fatti, il-kumpaniji li joperaw fis-suq uniku tal-UE għamlu l-almu tagħhom biex iżommu l-impjiegi u joħolqu impjiegi ġodda.

4.8. Dwar l-edukazzjoni, il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ irrapporta li l-kwalità tal-edukazzjoni mill-bogħod matul il-pandemija kienet varjabbli, bi kważi 1 minn kull 10 studenti żgħażagħ ma jirċevux korsijiet, tagħlim jew eżamijiet. Kważi żewġ terzi tal-istudenti ħassewhom li kienu qegħdin jitgħallmu "ftit inqas" jew "konsiderevolment inqas". Tliet kwarti taż-żgħażagħ marġinalizzati jemmnu li kienu qegħdin jitgħallmu "ftit inqas" jew "konsiderevolment inqas". Madankollu, iċ-ċirkostanzi individwali setgħu varjaw b'mod konsiderevoli. L-inċertezza edukattiva u l-isfidi tat-tagħlim online kienu sors ta' stress u problemi ta' benesseri għaż-żgħażagħ. Għalkemm l-iskala tal-impatt mhijiex ċara, l-interruzzjoni fl-edukazzjoni aktarx li se twassal għal effetti negattivi fit-tul fl-impjiegi, fl-eżiti edukattivi, u fis-saħħa u fil-benesseri. Hemm il-possibbiltà li din is-sitwazzjoni jkollha wkoll effetti sekondarji pożittivi, u tiftaħ il-bieb għal sistema edukattiva mħallta bl-użu ta' forom differenti ta' tagħlim u għodod teknoloġiċi aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, inkluż għaż-żgħażagħ b'diżabbiltajiet u dawk f'reġjuni remoti.

([10]) Institut national de la statistique et des études économiques (Istitut nazzjonali tal-istatistika u tal-istudji ekonomiċi), https://www.insee.fr/en/statistiques/5018508.

4.9. Xi whud mill-impatti l-aktar drammatiċi tal-pandemija tal-COVID-19, madankollu, kienu fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ. Is-sintomi ta' dipressjoni, bħal ansjetà, għeja, iżolament u ħsibijiet suwiċidali, qegħdin jiżdiedu. L-inkwiet dwar il-futur huwa ta' tħassib. Riċerka fl-Awstrija turi li l-biċċa l-kbira ta' dawk iż-żgħażagħ ma rċevew l-ebda assistenza. Dan huwa minħabba nuqqas ta' għarfien dwar tali opportunitajiet, iżda hija wkoll kwistjoni ta' inugwaljanzi reġjonali u ekonomiċi. Is-suwiċidju sar il-kawża ewlenija tal-mewt fost dawk l-aktar żgħażagħ fi Spanja. Il-pandemija kixfet tbatija psikoloġika, bi 3 941 suwiċidju fl-2020, li minnhom 300 kienu ta' persuni ta' bejn l-14 u d-29 sena. Is-sistemi tas-saħħa pubblika ma għandhomx ir-riżorsi biex jgħinu liż-żgħażagħ bi problemi ta' saħħa mentali. L-aħħar parti minn studju lonġitudinali ta' żgħażagħ u tfal fl-Irlanda wera li d-dipressjoni u l-mard mentali effettivament irdoppjaw fost iż-żgħażagħ.

4.10. Bl-istess mod, dawk iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol li għandhom diżabbiltajiet, intellettwali jew fiżiċi, ċertament ma għandhomx ikunu soġġetti għal trattament inqas favorevoli abbażi tal-età tagħhom, minbarra d-diżabbiltà tagħhom jew separatament minnha. Bl-istess mod, għandha tingħata attenzjoni liż-żgħażagħ minn żoni rurali remoti u lil dawk soġġetti għal diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru.

4.11. Id-data statistika dwar l-impjieg taż-żgħażagħ b'diżabilità hija wkoll frammentata: l-indikaturi kwantitattivi bħar-rata tal-qgħad għandhom jiġu supplimentati b'indikaturi oħrajn bħal-livell ta' taħriġ, it-tip ta' kuntratti offruti (għal kuntratt fiss, permanenti jew temporanju), ir-rata ta' impjieg f'ambjent ġenerali, ir-rata ta' impjieg appoġġjat jew ir-rata ta' qgħad fit-tul, flimkien mas-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja ta' dawn iż-żgħażagħ.

5. **It-trattament ugwali taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol**

5.1. L-ugwaljanza hija waħda mill-prinċipji u d-drittijiet ewlenin tal-UE abbażi tat-Trattat u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u msejsa fuq leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE. Qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u l-okkupazzjoni huwa pprovdut mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE ([11]), li għadha adatta għall-iskop tagħha.

5.2. Nistgħu naraw li l-futur taż-żgħażagħ huwa tħassib ewlieni tal-UE u li l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ huma parti importanti ħafna mill-iżvilupp tagħhom. L-UE għandha firxa ta' politiki u strumenti mmirati lejn iż-żgħażagħ u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. B'konformità mat-TFUE u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom kompetenzi li jirrigwardaw ħafna minn dawn il-kwistjonijiet u għalhekk il-politiki tagħhom huma punt ċentrali ta' dan ir-rapport.

5.3. Iż-żgħażagħ batew aktar minn gruppi oħrajn f'varjetà ta' modi matul il-pandemija. Fid-dawl tal-importanza li għandu dan is-suġġett, ikun ġust li wieħed jeżamina kwalunkwe aspett speċifiku tal-politika tas-suq tax-xogħol u, abbażi ta' din l-evidenza, jiddetermina jekk iż-żgħażagħ humiex b'xi mod trattati inqas favorevoli minn oħrajn abbażi tal-età tagħhom biss. Peress li dan is-suġġett huwa potenzjalment wiesgħa, importanti li jkun ċar x'għandu jiġi eżaminat f'din l-Opinjoni. L-enfasi hawn hija t-trattament li huwa ovvjament u direttament inqas favorevoli taż-żgħażagħ fil-liġijiet u l-politiki abbażi tal-età tagħhom biss. Inevitabbilment, hemm iżjed enfasi fuq l-oqsma fejn hemm l-aktar informazzjoni u ċarezza disponibbli. Dawn huma kif ġej: il-pagi minimi, ir-regoli tas-sigurtà soċjali u tal-assistenza soċjali u, xi ftit inqas (minħabba l-ħidma li diġà saret), l-internships mhux imħallsa.

6. **Pagi minimi**

6.1. B'konformità mat-TFUE ([12]) u mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-pagi minimi huma kompetenza tal-Istati Membri, iżda l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri mfassla biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż direttivi. Fit-tħejjija għad-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, li ġiet adottata, il-Kummissjoni qalet li, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-adegwatezza tal-paga minima mhijiex suffiċjenti u/jew hemm lakuni fil-kopertura tal-protezzjoni tal-paga minima, anke jekk il-protezzjoni tal-paga minima teżisti fl-Istati Membri kollha tal-UE, jew permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi ("pagi minimi statutorji") u/jew permezz ta' ftehimiet kollettivi. Il-proposta tinbet mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

6.2. Id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu protetti b'pagi minimi adegwati li jippermettulhom għajxien deċenti, irrispettivament minn fejn jaħdmu. Biex jintlaħaq dan l-objettiv ġenerali, il-proposta tistabbilixxi qafas biex tittejjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi u biex jiżdied l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

([12]) TFUE Artikolu 153, paragrafi (2a) u (2b).

([13]) Id-**Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea** (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

minima. Dawn l-objettivi huma rilevanti kemm għas-sistemi tal-paga minima statutorja kif ukoll għal dawk li jiddependu fuq in-negozjar kollettiv. Id-Direttiva hija mfassla biex tilħaq dawn l-objettivi filwaqt li tqis u tirrispetta bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi nazzjonali, il-kompetenzi nazzjonali, l-awtonomija tal-imsieħba soċjali, u l-libertà kuntrattwali.

6.3. Il-pagi minimi huma wieħed mill-oqsma fejn hemm ammont konsiderevoli ta' trattament inugwali taż-żgħażagħ fl-Istati Membri tal-UE. Iż-żgħażagħ huma partikolarment dipendenti fuq il-paga minima, b'aktar minn 1 żagħżugħ/a minn kull 4 jaqilgħu l-paga minima, mqabbel ma' 1 adult/a minn kull 10, skont il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ. Għadd ta' Stati Membri ffissaw "pagi minimi għaż-żgħażagħ" speċifiċi, li f'kull każ huma aktar baxxi mill-paga minima ġenerali għal gruppi tal-età partikolari, filwaqt li Stati Membri oħra jeskludu żgħażagħ taħt it-18-il sena mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-paga minima. Dan huwa l-każ fil-Belġju, Franza, l-Irlanda, l-Lussemburgu, il-Ġermanja, Malta u n-Netherlands. Id-dispożizzjonijiet ta' Franza forsi ma humiex dipendenti wisq fuq l-età, iżda bl-implikazzjoni li jaffettwaw ħafna żgħażagħ. Hemm rati oħrajn imnaqqsa għall-apprendistati, iżda dawn ma humiex is-suġġett ta' dan ir-rapport u ġeneralment ikunu determinati minn ftehim bejn l-imsieħba soċjali. Ir-Renju Unit ukoll għandu pagi sottominimi għaż-żgħażagħ. Id-dettalji sħaħ huma disponibbli fl-Anness 1.

6.4. Dawn il-pagi minimi għaż-żgħażagħ ma jqisux id-dritt taż-żgħażagħ għal paga ugwali għal xogħol ugwali, filwaqt li riċerka tal-ILO uriet ripetutament li huma wkoll ineffettivi fit-tisħiħ tar-rati ta' impjieg taż-żgħażagħ. Il-kwistjoni ewlenija hija paga ugwali għal xogħol ugwali. Fil-fatt, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ġew infurmati miż-żgħażagħ li, wara perjodu ta' impieg, ġieli jissorveljaw jew iħarrġu lil kollegi akbar minnhom fl-età għall-istess xogħol, iżda jirċievu paga aktar baxxa, jew saħansitra jintalbu jkollhom rwoli ta' superviżjoni b'paga aktar baxxa mill-kollegi tagħhom minħabba dawn ir-regolamenti.

6.5. Għaldaqstant, filwaqt li f'dawn l-Istati Membri ż-żgħażagħ jitħallew isuqu, jivvutaw, u jingħaqdu fl-armata, u huma trattati bħala adulti f'kull sens, mhumiex intitolati li jirċievu l-paga minima sħiħa għall-adulti. Fin-Netherlands, il-pagi minimi għaż-żgħażagħ huma saħansitra stabbiliti bħala 30 % tar-rata tal-paga minima għall-adulti għall-faxxa t'età l-aktar żgħira, li jippreżenta xkiel serju għall-kapaċità tagħhom li jgħixu ħajja indipendenti u jgawdu minn standard ta' għajxien deċenti. Minkejja li l-UE ddikjarat l-2022 bħala s-Sena taż-Żgħażagħ, il-pożizzjoni politika maqbula fil-proċess leġiżlattiv rappurtata ma qisitx b'mod sostanzjali l-kwistjonijiet differenzjali għaż-żgħażagħ.

6.6. Analiżi tal-metadata reċenti li saret mill-ILO dwar l-impatt tal-pagi minimi għaż-żgħażagħ, li eżaminat 43 dokument xjentifiku ppubblikati mill-1990 'l hawn, sabet li fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet, l-effetti tal-pagi minimi fuq l-impjieg fost iż-żgħażagħ huma jew xejn jew żgħar ferm. F'xi każijiet, meta żdiedet ir-rata tal-paga minima għaż-żgħażagħ, żdiedet saħansitra r-rata ta' impjieg taż-żgħażagħ. Fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha tad-Direttiva, il-Kummissjoni Ewropea ddeskriviet is-sejbiet tar-riċerka mill-Portugall, il-Belġju u n-Netherlands li juru li l-pagi minimi għaż-żgħażagħ ma għandhom l-ebda effetti sinifikanti fuq ir-rati ta' impjieg taż-żgħażagħ.

7. **Pagamenti għall-qgħad**

7.1. Qasam ieħor fejn jista' jkun hemm trattament differenzjali taż-żgħażagħ huwa matul il-perjodi tal-qgħad. Mill-ġdid, dawn huma prinċipalment kompetenzi tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każ tar-rati ta' pagament, il-perjodi ta' ħlas u l-kriterji. Hemm livell għoli ta' diversità u kumplessità fost is-sistemi nazzjonali fl-Ewropa. Madankollu, nistgħu nimmaġinaw xenarji fejn dawn id-differenzjali ser iħallu impatt fuq kwistjonijiet bħall-impjieg u l-moviment liberu fi ħdan l-UE. Iż-żgħażagħ jistgħu jkunu żvantaġġati wkoll mis-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad, peress li jista' ma jkunux lestew il-perjodu meħtieġ ta' "kontributi" biex jikkwalifikaw għas-sistemi relevanti.

7.2. Lil hinn minn dawn l-iskemi, l-Istati Membri jipprovdu pagamenti tal-assistenza soċjali, li jvarjaw b'mod konsiderevoli, bis-sistemi ta' assistenza soċjali jaqgħu wkoll fil-kompetenza nazzjonali. Xi whud huma soġġetti għal ittestjar tal-mezzi u oħrajn mhumiex. Imbagħad hemm xenarju pjuttost kumpless fil-każ tal-età, u dawn il-pagamenti u dan ir-rapport ma jirriflettux sew dan is-suġġett. Inevitabbilment hemm varjazzjonijiet fil-perjodi u d-durata tal-kwalifika, kif ukoll bosta fatturi oħrajn. Bla dubju hemm il-ħtieġa għal data aħjar u aktar ċara biex tippermetti li ssir aktar riċerka. Jistgħu jsiru l-osservazzjonijiet li ġejjin:

— F'xi sistemi jsiru arranġamenti speċjali għal min għandu aktar minn 45 sena jew għal gruppi ta' età oħrajn. Għadd limitat ta' pajjiżi jipprovdu perjodi ta' kwalifika iqsar għal dawk li għandhom inqas minn 25 sena.

— Fl-Iżvezja, żgħażagħ qiegħda (ta' bejn it-18 u l-24 sena) li jieħdu sehem fi programmi ta' politika tas-suq tax-xogħol li jirċievu "għotja għall-attività" (*aktivitetsstöd* bl-Iżvediż), b'intitolament sottostanti għall-benefiċċji tal-qgħad, ser ikunu soġġetti għal tnaqqis aktar radikali fl-ammont ta' benefiċċji pagabbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-iskema ta' benefiċċji tal-qgħad.

— Fil-Lussemburgu, allokazzjoni li tammonta għal 70 % u 40 % tal-paga minima soċjali (*salaire social minimum* bil-Franċiż) għal żgħażagħ ta' 18-il sena u ta' 16/17-il sena rispettivament, tingħata wara perjodu ta' stennija ta' 36 ġimgħa, li jista' jitnaqqas għal 26 ġimgħa jekk l-applikant ikun qed jistudja.

— L-allokazzjoni għal min qed ifittex impjieg (Job Seekers Allowance) tal-Irlanda (pagament ta' assistenza) hija madwar 60 % tal-allokazzjoni għall-adulti għal dawk li għandhom bejn 18-24 sena li mhumiex qed "jgħixu b'mod indipendenti". Ir-rata shiha titħallas lil dawk li jsegwu korsijiet u taħriġ rilevanti.

8. **Internships mhux imħallsa**

8.1. Il-Parlament Ewropew sejjaħ għal projbizzjoni fuq internships mhux imħallsa, u l-Kumitat tad-Drittijiet Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa ddetermina li l-lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-Belġju jippermettu li ż-żgħażagħ jiġu sfruttati bħala ħaddiema b'xejn permezz ta' internships mhux imħallsa. Is-sentenza tal-Kumitat, li nħarġet wara li tressaq lment kollettiv mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, sabet li s-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol attwali fil-Belġju jonqsu milli joffru biżżejjed protezzjoni lill-ħaddiema żgħażagħ vulnerabbli u żvantaġġati.

L-oqfsa regolatorji tal-Istati Membri b'mod ġenerali u l-istrettezza tar-regolamentazzjoni b'mod partikolari jvarjaw ħafna kemm fost it-tipi differenti ta' apprendistati kif ukoll minn Stat Membru għal ieħor. F'xi Stati Membri ma hemm ebda definizzjoni legali ta' traineeships.

8.2. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qafas ta' kwalità għat-traineeships, adottata fl-2013, għandha l-għan li tiżgura li t-traineeships jiffaċilitaw b'mod effiċjenti t-tranżizzjonijiet bejn l-edukazzjoni u x-xogħol u b'hekk tiżdied l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. Il-proposta tistabbilixxi linji gwida li jistgħu jiżguraw kontenut ta' tagħlim ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet ta' xogħol adegwati.

8.3. L-internships mhux imħallsa jistgħu jiġu definiti bħala perjodi ta' xogħol, simili għal dawk imwettqa minn impjegati mħallsa, li mhumiex marbuta ma' proċess formalizzat u espliċitu ta' edukazzjoni, taħriġ, volontarjat jew kollokament.

8.4. Filwaqt li l-esperjenza tax-xogħol u t-tagħlim permezz tal-esperjenza huma vitali għaż-żgħażagħ li jkunu għadhom qed jibdew fis-suq tax-xogħol, dawk li qegħdin isejħu għal azzjoni dwar internships mhux imħallsa jemmnu li hemm wisq żgħażagħ li jinsabu f'sitwazzjoni volatili ta' internships mhux imħallsa u esperjenza ta' xogħol ta' kwalità baxxa, li joħolqu delużjoni konsiderevoli dwar is-suq tax-xogħol f'dan il-grupp ta' età.

8.5. Il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ eżamina għadd ta' pajjiżi u l-politiki tagħhom rigward internships mhux imħallsa. Fi Franza, l-internships huma regolati b'mod strett u jistgħu jseħħu biss fi ħdan kurrikuli ta' edukazzjoni formali. Internships li jdumu xahrejn jew anqas bħala parti mill-edukazzjoni jistgħu jkunu mhux imħallsa. Fir-Rumanija, l-internships huma rregolati b'mod strett b'leġiżlazzjoni speċifika. L-interns huma intitolati għal 50 % tal-paga minima. Internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol miftuħ huma illegali, iżda l-liġijiet spiss jiġu evitati.

8.6. L-internships fis-suq tax-xogħol miftuħ mhumiex definiti jew regolati mil-liġi u anqas mhuma komuni fil-Kroazja, iżda jeżistu forom oħra ta' internships u huma soġġetti għal regolamentazzjoni. Fil-Bulgarija, internships mhux imħallsa li jsiru barra mill-qafas tal-liġijiet tal-internships dedikati huma legali u jseħħu ta' spiss. Għal internships tas-suq tax-xogħol miftuħ li jsegwu l-liġijiet dwar l-internships, l-interns huma intitolati għal mill-anqas il-paga minima nazzjonali.

8.7. Fl-Awstrija, internships fis-suq tax-xogħol miftuħ fit-teorija għandhom ikunu mħallsa skont il-ftehimiet ta' negozjar kollettiv speċifiċi għal kull settur. Madankollu, l-internships fis-suq tax-xogħol miftuħ jistgħu jkunu mhux imħallsa legalment jekk ikunu kategorizzati bħala relazzjoni edukattiva, u dan iseħħ ta' spiss. Ix-xogħol mhux imħallas huwa illegali fl-Irlanda, iżda l-liġi spiss ma tiġix infurzata fil-każ tal-internships, b'internships mhux imħallsa li saru prattika komuni u spiss reklamati pubblikament.

Brussell, il-15 ta' Ġunju 2023.

Oliver RÖPKE
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNESS I ([1])

Tabella

Rati sottominimi għal Stati Membri tal-UE magħżula u għar-Renju Unit minn Jannar 2021

Pajjiż	Gruppi tal-ħaddiema	% tar-rata sħiħa	Livell tal-paga minima fl-2021 (EUR sakemm mhux indikat mod ieħor)
Il-Belġju	Ħaddiema ta' 16-il sena jew inqas (mingħajr kuntratt għall-istudenti)	70	1 138/xahar
	Ħaddiema ta' 17-il sena (mingħajr kuntratt għall-istudenti)	76	1 236/xahar
	Ħaddiema ta' 18-il sena (b'kuntratt għall-istudenti)	82	1 333/xahar
	Ħaddiema ta' 19-il sena (b'kuntratt għall-istudenti)	88	1 431/xahar
	Ħaddiema ta' 20 sena (b'kuntratt għall-istudenti)	94	1 528/xahar
Franza	Ħaddiema b'inqas minn sitt xhur ta' esperjenza fis-settur fl-età ta' 15 u 16-il sena; ħaddiema taħt is-16-il sena li jaħdmu waqt il-vaganzi tas-sajf	80	1 244/xahar
	Ħaddiema b'inqas minn sitt xhur ta' esperjenza fis-settur fl-età ta' 17-il sena	90	1 399/xahar
	Żgħażagħ b'kuntratti professjonali b'alternanza ([1]), jiddependi mill-età u l-kwalifiki preċedenti	55 sa 100	855 sa 1 555/xahar
	Apprendisti, skont l-età, l-anzjanità fil-kariga u l-ftehim settorjali applikabbli	27 sa 78	420 sa 1 213/xahar
	Apprendisti ([2])	Mhux applikabbli	3,70/siegħa
	Ħaddiema b'diżabbiltajiet impjegati f'ċentri speċifiċi ddedikati għall-inklużjoni ta' dawn il-ħaddiema	55 sa 100	855 sa 1 555/xahar
Il-Ġermanja	Il-paga minima ma tapplikax għal persuni taħt it-18-il sena.	Mhux applikabbli	550/xahar
L-Irlanda	Ħaddiema taħt it-18-il sena	70	7,14/siegħa
	Ħaddiema ta' 18-il sena	80	8,16/siegħa
	Ħaddiema ta' 19-il sena	90	9,18/siegħa
Il-Latvja	Persuni kkundannati (li qegħdin jiskontaw sentenza f'ħabs)	50	250/xahar

([1]) Adattat minn: https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef21015en.pdf

Pajjiż	Gruppi tal-ħaddiema	% tar-rata sħiħa	Livell tal-paga minima fl-2021 (EUR sakemm mhux indikat mod ieħor)
Il-Lussemburgu	Ħaddiema ta' 15-il sena sa inqas minn 17-il sena	75	1 651/xahar; 9,55/siegħa
	Ħaddiema ta' 17-il sena sa inqas minn 18-il sena	80	1 762/xahar 10,18/siegħa
	Ħaddiema mhux kwalifikati ta' 18-il sena u aktar	100	2 202/xahar 12,73/siegħa
Malta	Ħaddiema taħt is-17-il sena	95	171/ġimgħa
	Ħaddiema ta' 17-il sena	96	174/ġimgħa
In-Netherlands	Ħaddiema ta' 15-il sena	30	505/xahar
	Ħaddiema ta' 16-il sena	34,5	581/xahar
	Ħaddiema ta' 17-il sena	39,5	666/xahar
	Ħaddiema ta' 18-il sena	50	842/xahar
	Ħaddiema ta' 19-il sena	60	1 011/xahar
	Ħaddiema ta' 20 sena	80	1 348/xahar
	Ħaddiema ta' 21 sena	100	1 685/xahar
Il-Portugall	Ħaddiema f'apprendistati u internships	80	621/xahar
	Ħaddiema b'diżabbiltajiet	50	388/xahar
Ir-Renju Unit	Ħaddiema taħt it-18-il sena	47,6	GBP 4,15 (EUR 4,62)/siegħa
	Ħaddiema ta' bejn 18 u 20 sena	52,2	GBP 4,55 (EUR 5,06)/siegħa
	Ħaddiema ta' bejn 21 u 24 sena	74	GBP 6,45 (EUR 7,17)/siegħa
	Apprendisti taħt id-19-il sena, jew ta' 19-il sena jew aktar fl-ewwel sena tal-apprendistat tagħhom	94	GBP 8,20 (EYR 9,12)/siegħa

([1]) *Fi Franza, dawn il-kuntratti jippermettu lil ħaddiema żgħażagħ jiksbu kwalifika professjonali u jippromovu l-integrazzjoni professjonali jew l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom.*

([2]) *Jistgħu jkunu mhux imħallsa, jekk anqas minn xahrejn.*

Noti: Il-Ġermanja ma inkludietx rati fis-siegħa jew il-paragun tagħhom mal-livelli tal-paga minima. Dan peress li l-ammont minimu huwa kkalkolat fix-xahar, mhux fis-siegħa. Il-ħlasijiet għal apprendistati ma humiex meqjusin bħala pagi fil-Ġermanja. L-Apprendistati jinkludu ħin fl-iskola. F'termini legali, il-ħlasijiet għal apprendistati huma kumparabbli ma' stipendji għal studenti universitarji: n/a = mhux applikabbli.

Sors: Network ta' Korrispondenti tal-Eurofound, abbażi ta" sorsi mill-uffiċċji nazzjonali.